KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA	**Brussell, 16 ta' Ottubru 2012 (23.10) (OR. en)**
	14790/12
Fajl Interistituzzjonali: 2012/0065 (COD)	
	MAR 123 TRANS 327 SOC 816 CODEC 2348

RAPPORT

Minn :	Segretarjat Ġenerali
Lil:	Kunsill
Nru prop. Cion:	8241/12 MAR 38 TRANS 106 SOC 242
Nru dok. preċ.:	14489/12 MAR 118 TRANS 316 SOC 800 CODEC 2282
Suġġett:	**Tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) tad-29 ta' Ottubru 2012** Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera għall-infurzar tad-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE - *Approċċ ġenerali*

Introduzzjoni

1. Fit-23 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni bagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-proposta msemmija hawn fuq.

Kontenut tal-proposta

2. Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (MLC 2006) ġiet adottata mill-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) fit-23 ta' Frar 2006. Fl-20 ta' Awwissu 2012, 30 Stat Membru tal-ILO b'sehem totali ta' mill-anqas 33 fil-mija tat-tunnellaġġ gross dinji ta' vapuri kienu ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifika tagħhom. Konsegwentement, l-MLC 2006 ser tidħol fis-seħħ bħala liġi internazzjonali vinkolanti fl-20 ta' Awwissu 2013. L-MLC 2006 tipprovdi drittijiet u protezzjoni komprensivi fuq ix-xogħol għall-baħħara kollha indipendentement min-nazzjonalità tagħhom u mill-bandiera tal-vapur. Hija għandha l-għan kemm li tikseb kondizzjonijiet ta' xogħol deċenti għall-baħħara kif ukoll li tiżgura kompetizzjoni ġusta għas-sidien tal-vapuri ta' kwalità. Tapplika għat-tbaħħir internazzjonali u tkopri materji essenzjali bħar-rekwiżiti minimi biex baħħara jaħdmu abbord vapur (Titolu 1 tal-MLC 2006), il-kondizzjonijiet tal-impjieg (Titolu 2), l-akkomodazzjoni, il-faċilitajiet rikreattivi, l-ikel u s-servizz tal-ikel (Titolu 3), il-protezzjoni tas-saħħa, il-kura medika, il-welfare u l-protezzjoni tas-sigurtà soċjali (Titolu 4) u l-osservanza u l-infurzar (Titolu 5).

3. Fl-2008, is-sħab soċjali Ewropej ikkonkludew ftehim dwar l-MLC 2006. Fl-2009, il-Kunsill adotta direttiva li timplimenta dak il-ftehim (2009/13/KE). Madankollu, is-sħab soċjali m'għandhomx is-setgħa li jinkludu fil-ftehim tagħhom id-dispożizzjonijiet tal-infurzar tal-MLC 2006. Id-direttiva proposta għandha l-għan li tissuplimenta d-Direttiva 2009/13/KE billi tinkludi d-dispożizzjonijiet tal-infurzar tal-konvenzjoni. Hija fiha dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ tal-konformità, il-persunal inkarigat mill-monitoraġġ tal-konformità u t-trattament ta' lmenti u miżuri korrettivi.

Il-ħidma fi ħdan il-Parlament Ewropew

4. Il-Parlament Ewropew beda biss dan l-aħħar l-eżami tal-proposta. F'April 2012 ġie nominat relatur (is-Sinjura Berès, S&D-Franza) mill-kumitat parlamentari responsabbli, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL). L-ewwel skambju ta' fehmiet fil-Kumitat EMPL seħħ fid-9 ta' Ottubru 2012. Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) ser jagħti opinjoni (relatur: is-Sur Bach, PPE-Lussemburgu).

5. Il-vot fil-kumitat EMPL huwa skedat għal Jannar 2013, u l-vot fil-plenarja jista' jsir fi Frar jew Marzu 2013.

Il-ħidma fi ħdan il-korpi tal-Kunsill

6. L-eżami tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu beda f'April 2012, taħt il-Presidenza Daniża. Għandu jiġi nnutat li l-proposta ma kenitx akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt.

7. Il-proposta kienet is-suġġett ta' rapport ta' progress lill-Kunsill TTE fis-7 ta' Ġunju 2012[1].

8. Fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Ottubru, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu kkonkluda l-eżami tal-abbozz ta' approċċ ġenerali.

9. Fit-12 ta' Ottubru 2012, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina l-abbozz ta' approċċ ġenerali u solva l-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet pendenti. Madankollu, għad hemm xi riżervi.

[1] Dok. 9863/12.

Riżervi pendenti

10. Is-Slovenja għandha riżerva ġenerali dwar il-proposta kollha, b'mod partikolari minħabba l-bażi legali li ntgħażlet. Is-Slovenja targumenta li peress li d-Direttiva proposta għandha l-għan li timplimenta jew aħjar li tissuplimenta d-Direttiva 2009/13/KE (adottata abbażi tal-Artikolu 139(2) tat-Trattat KE, illum l-Artikolu 155(2) TFUE), li sussegwentement tinforza u tissuplimenta ftehim bejn is-sħab soċjali li jimplimentaw l-MLC 2006, kien ikun aktar loġiku li tiġi emendata d-Direttiva 2009/13/KE fuq dik l-istess bażi leġali, jew għall-anqas li tiġi emendata d-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera, Dan kien ikun partikolarment aktar konformi mal-prinċipji li jiggwidaw l-għażla tal-bażi legali u ta' regolamentazzjoni aħjar, simplifikazzjoni u trasparenza.

11. Malta u r-Renju Unit żammew riżervi ta' skrutinju parlamentari.

12. Il-Kummissjoni żżomm riżerva ġenerali. Ir-riżerva tagħha tirrigwarda b'mod partikolari żewġ kwistjonijiet. L-ewwel u qabel kollox, il-Kummissjoni tirriżerva l-pożizzjoni tagħha dwar id-definizzjoni ta' "partijiet rilevanti tal-MLC 2006", minħabba l-fatt li din id-definizzjoni ma tagħmilx referenza għall-MLC 2006 *kif implimentata mid*-Direttiva 2009/13/KE. Skont il-Kummissjoni, id-definizzjoni li tidher fl-Artikolu 2 tal-abbozz ta' approċċ ġenerali għandha tagħmel referenza għal-leġislazzjoni tal-Unjoni aktar milli għal konvenzjoni internazzjonali, b'mod partikolari peress li l-leġislazzjoni soċjali tal-UE f'ċerti każi tiżgura livell ogħla ta' protezzjoni għall-baħħara. It-tieni nett, il-Kummissjoni ma taqbilx mat-test tal-premessa 10a, li tindika li d-Direttiva 2009/21/KE tapplika għall-Konvenzjonijiet IMO. Dan jidher li jimplika li d-Direttiva 2009/21/KE ma tkunx tapplika għall-Konvenzjonijiet tal-ILO bħall-MLC 2006. Skont il-Kummissjoni, l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/21/KE, dwar sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità, huwa applikabbli għal kwalunkwe attività operattiva relatata mal-Istat tal-bandiera, tkunx ibbażata fuq konvenzjonijiet adottati fil-qafas tal-IMO, jew fuq konvenzjonijiet oħrajn. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tissottolinja li l-premessa 4 tad-Direttiva 2009/21/EKE tirrerferi espliċitament għall-MLC 2006.

Konklużjoni

13. Il-Kunsill huwa mistieden jeżamina u jadotta l-abbozz ta' approċċ ġenerali fuq il-bażi tat-test li jinsab fl-Anness għal dan ir-rapport.

ANNESS

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar ċerti responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera għall-konformità mal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu 2006 u l-infurzar tagħha,

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport marittimu għandha l-għan, fost l-oħrajn, li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol abbord għall-baħħara, is-sigurtà u s-sikurezza fuq il-baħar u l-prevenzjoni tat-tniġġis ikkawżat mill-inċidenti marittimi.

(2) L-Unjoni hija konxja mill-fatt li ħafna mill-inċidenti fuq il-baħar huma direttament ikkawżati minn fatturi umani, b'mod partikolari l-għejja.

[2] ĠU L 299, 4.10.2012, p. 153.

(3) Wieħed mill-objettivi prinċipali tal-politika tal-Unjoni dwar is-sigurtà marittima huwa li jiġi eliminat it-tbaħħir li ma jilħaqx l-istandards.

(4) Fit-23 ta' Frar 2006, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol adottat il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 (MLC 2006), bix-xewqa li jinħoloq strument uniku, koerenti u aġġornat, li jiġbor fih ukoll il-prinċipji fundamentali li jinsabu f'konvenzjonijiet internazzjonali oħrajn dwar ix-xogħol.

(4a) Skont l-Artikolu VIII tal-MLC 2006, il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ 12-il xahar wara d-data li fiha jkunu ġew irreġistrati ratifiki minn tal-inqas 30 Membru tal-ILO b'sehem totali fit-tunnellaġġ gross dinji ta' bastimenti ta' 33 fil-mija. Din il-kondizzjoni ntlaħqet fl-20 ta' Awwissu 2012, bid-dħul l fis-seħħ sussegwenti fl-20 ta' Awwissu 2013.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/431/KE tas-7 ta' Ġunju 2007[3] awtorizzat lill-Istati Membri sabiex jirratifikaw l-MLC 2006. L-Istati Membri huma mħeġġa jirratifikawha malajr kemm jista' jkun.

(6) L-MLC 2006 tistabbilixxi standards globali minimi sabiex jiġi żgurat id-dritt tal-baħħara kollha għal kondizzjonijiet ta' impjieg deċenti, irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħhom u l-bandiera tal-bastimenti li fuqhom huma jservu, u biex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet indaqs.

(6a) Il-partijiet differenti tal-MLC 2006 huma introdotti fi strumenti separati tal-Unjoni kemm fir-rigward tal-obbligi tal-Istat tal-bandiera kif ukoll dawk tal-Istat tal-port. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li jintroduċi ċerti dispożizzjonijiet dwar il-konformità u l-infurzar, previsti fit-Titolu 5 tal-MLC 2006 għall-fini ta' tali partijiet tal-MLC 2006 li fir-rigward tagħhom ma jkunux għadhom ġew adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar il-konformità u l-infurzar. Dawn il-partijiet jikkorrispondu għall-elementi kif imniżżlin fl-Anness għad-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE tas-16 ta' Frar 2009[4].

(7) Id-Direttiva 2009/13/KE timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006 ("il-Ftehim"). Id-dispożizzjonijiet fid-Direttiva 2009/13/KE ma għandhomx jiġu affettwati minn din id-Direttiva.

(8) […]

---

[3] Deċiżjoni 2007/431/EC li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Komunità Ewropea, il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ĠU L 161, 22.6.2007, p. 63).

[4] ĠU L 124, 20.5.2009, p. 30.

(9) […]

(10) Għalkemm id-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera[5] tirregola r-responsabbiltajiet tal-Istat tal-bandiera billi tinkorpora l-iskema ta' verifika volontarja tal-Istati Membri tal-IMO fid-Dritt tal-Unjoni u tintroduċi ċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità tal-awtoritajiet marittimi nazzjonali, direttiva separata li tkopri l-istandards tax-xogħol marittimu tkun aktar adatta u tirrifletti b'mod aktar ċar il-finijiet u l-proċeduri differenti u d-Direttiva 2009/21/KE ma għandhiex tiġi affettwata minn din id-Direttiva.

(10a) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/21/KE japplikaw għall-Konvenzjonijiet tal-IMO. Fi kwalunkwe każ, l-Istat Membri jistgħu jiżviluppaw, jimplimentaw u jżommu sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għall-partijiet operattivi tal-attivitajiet relatati mal-Istat tal-bandiera tal-amministrazzjoni marittima tiegħu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(11) L-Istati Membri għandhom jiżguraw it-twettiq effettiv tal-obbligi tagħhom bħala Stati tal-bandiera fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-partijiet rilevanti tal-MLC 2006 li jikkorrispondu għall-elementi kif imniżżlin fl-Anness għad-Direttiva 2009/13/KE mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Fl-istabbiliment ta' sistema effettiva għall-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, inklużi l-ispezzjonijiet, Stat Membru jista', fejn adatt, jagħti l-awtorizzazzjoni lill-istituzzjonijiet pubbliċi jew organizzazzjonijiet oħrajn fit-tifsira tar-Regolament 5.1.2 tal-MLC 2006 u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti minn dan tal-aħħar.

(12) […]

(13) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

[5] ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132.

(14) Peress li din id-Direttiva għandha l-għan li tiżgura l-konformità mal-partijiet rilevanti tal-MLC 2006 u l-infurzar tagħhom hi għandha tidħol fis-seħħ fl-istess data bħall-MLC 2006,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jwettqu l-obbligi tagħhom bħala Stati tal-bandiera fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-partijiet rilevanti tal-MLC 2006. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2009/13/KE u 2009/21/KE.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandha tapplika d-definizzjoni li ġejja, flimkien mad-definizzjonijiet rilevanti mniżżlin fl-Anness għad-Direttiva 2009/13/KE:

"partijiet rilevanti tal-MLC 2006" tfisser il-partijiet tal-MLC 2006 li jikkorrispondu għad-dispożizzjonijiet fl-Anness għad-Direttiva 2009/13/KE.

b) […]

Artikolu 3
Monitoraġġ tal-konformità

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' monitoraġġ adatti, inklużi spezzjonijiet, sabiex jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet tal-baħħara fuq il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jissodisfaw, u jibqgħu jissodisfaw, ir-rekwiżiti tal-partijiet rilevanti tal-MLC 2006.

Fir-rigward tal-bastimenti ta' inqas minn 200 tunnellata grossa li ma jwettqux vjaġġi internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu, f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet ikkonċernati tas-sidien tal-bastimenti u tal-baħħara, jiddeċiedu li jadattaw, kif imniżżel fil-paragrafu 6 tal-Artikolu II tal-MLC 2006, il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, inklużi l-ispezzjonijiet, biex jittieħed kont tal-kondizzjonijiet speċifiċi relatati ma' tali bastimenti.

Artikolu 4
Persunal inkarigat mill-monitoraġġ tal-konformità

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal inkarigat mill-verifika tal-implimentazzjoni adatta tal-partijiet rilevanti tal-MLC 2006 jkollu t-taħriġ, il-kompetenza, it-termini ta' referenza, is-setgħat, l-istatus u l-indipendenza meħtieġa jew mixtieqa sabiex ikun jista' jwettaq dik il-verifika u jiżgura l-konformità mal-partijiet rilevanti tal-MLC 2006.

Artikolu 5
Trattament ta' lmenti u miżuri korrettivi

1. Jekk Stat Membru jirċievi ilment li huwa ma jqisx li huwa manifestament infondat jew inkella jikseb prova li bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-partijiet rilevanti tal-MLC 2006 jew li hemm nuqqasijiet serji fil-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, dak l-Istat Membru għandu jieħu l-passi meħtieġa sabiex jinvestiga l-kwistjoni u jiżgura li tittieħed azzjoni sabiex jiġi rrimedjat kwalunkwe nuqqas identifikat.

2. Il-persunal inkarigat mill-ġestjoni tal-ilmenti għandu jittratta bħala kunfidenzjali s-sors ta' kwalunkwe rapport jew ilment li jallega periklu jew nuqqas fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol jew tal-għajxien tal-baħħara jew ksur tal-liġijiet u r-regolamenti u bl-ebda mod ma għandu jgħarraf lis-sid ta' bastiment, lir-rappreżentant tas-sid ta' bastiment jew lill-operatur ta' bastiment li saret spezzjoni bħala konsegwenza ta' motiv ta' lment jew ilment bħal dan.

Article 5a
Rapporti

Il-Kummissjoni għandha, fil-kuntest tar-rapporti tagħha li għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/21/KE, tinkludi l-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 6
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa…[*]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

[*] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data: 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif isiru referenzi bħal dawn għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tal-miżuri ewlenin tad-dritt nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 7
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' dħul fis-seħħ tal-MLC 2006.

Artikolu 8
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President